# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 1251/97 NA**

**Laferla Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja ta' John Neal f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera assikuratrici Ensign Motor Policies at Lloyds, kif din tinsab issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Simon Attard, sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Carmelo sive Charles u Josephine konjugi Dimech f'isimhom proprju u bhala legittimi rapprezentanti u ghan-nom ta' binhom minuri Ludvic Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fit-3 ta' Gunju 1997 fejn ippremettiet:

"Illi fiz-zmien materjali ghal din il-kawza, is-socjeta' attrici kienet tassikura l-vettura Kia Pride, numru ta' registrazzjoni AAK-845, proprieta' ta' Simon Attard taht polza *comprehensive*;

Illi filwaqt li kien qieghed isuq il-vettura Ford Fiesta, numru ta' registrazzjoni G-316 WVR proprieta' tal-konvenuti l-ohra, Carmelo u Josephine konjugi Dimech, fis-27 ta' April 1997, gewwa Luqa Road, Qormi, Ludvic Dimech, it-tifel minuri ta' l-imsemmi konjugi Dimech, minghajr licezja u bi traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat fl-imsemmija karozza AAK-845, dak il-hin misjuqa mill-istess Simon Attard u kkaguna danni ngenti fl-imsemmija karozza;

Illi, in vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb u qieghdha taghmel tajjeb ghal porzjoni sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmi Simon Attard skond l-istess polza u, in konsegwenza ta' tali pagament, is-socjeta' attrici giet issurrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha skond l-istess polza ta' assikurazzjoni;

Illi l-imsemmija konvenuti konjugi Dimech ghandhom *ex lege* il-hsieb u l-kura ta' l-imsemmija konvenut binhom u cioe' nonostante huma ma hadux il-hsieb ta' *bonus paterfamillias* biex il-kollizjoni, meritu ta' din il-kawza ma ssirx;

Illi interpellati jersqu ghall-hlas tad-danni hekk ikkawzati l-konvenuti baqghu inadempjenti;

TALBET li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:-

1. tiddikjara lill-konvenuti kollha solidament responsabbli ghall-kollizzjoni tas-27 ta' Marzu 1997, fuq imsemmija, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici prevja okkorrendo bl-opera ta' periti w esperti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, dik is-somma illi tigi hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru pprezentati fit-22 ta' Mejju 1997, kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha w il-lista tax-xhieda.

Il-konvenuti gew notifikati a tenur ta' l-Artikolu 187 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Huma pero' ma ghamlux l-eccezzjonijiet taghhom u anqas ma dehru ghas-seduti quddiem din il-Qorti wara li effettivament gew notifikati.

Fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2000 xehdu P.S. 134 Joseph Attard, Simon Attard u Charles Galea, is-socjeta' attrici ddikjarat, tramite d-difensur taghha, li ma kellhiex aktar provi w il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

P.S. Joseph Attard kien is-Surgent li nvestiga l-incident. Huwa esebixxa zewg okkorrenzi ta' dak li gara. Sketch ma setax jaghmel ghax l-incident kien *hit and run*. Jispjega kif eventwalment pero' irnexxielu jintraccja l-vettura tal-konvenuti li kellha *number plates* barranin. Ezamina l-istess vettura u seta' jinnota li kellha daqqa kompatibbli mad-daqqa ta' kif gie

allegat mis-sewwieq tal-vettura l-ohra Simon Attard. Fil-fatt, skond hu, il-konvenut Dimech fl-Ghassa minkejja li sostna li kien qed isuq hu u mhux ibnu, ammetta li kien it-tort tieghu u li kien baqa' diehel fil-*lane* ta' Attard. Skond is-Surgent wara l-incident il-vettura ta' Attard kienet fuq sajdha "*Tant li kisser il-hajt tan-naha tieghu*" bid-daqqa.

Simon Attard, l-assigurat mad-ditta attrici f'polza "*Full*", u l-proprietarju tal-karozza Kia jispjega kif il-karozza Fiesta giet xkanata ghal fuq in-naha tat-triq tieghu. Id-*driver* tal-Fiesta harab jigri pero' halla l-*bumper* warajh li permezz tieghu eventwalment giet rintraccjata l-karozza. Huwa ssurroga d-drittijiet tieghu lis-socjeta' attrici u thallas ghad-danni hlief ghal-excess ta' Lm50.

Charles Galea, Claims Manager mad-ditta attrici, kkonferma li l-karozza ta' Simon Galea kienet koperta taht polza *self-drive comprehensive*. Huma ghamlu tajjeb ghad-danni li swewlhom Lm1336.45 li minnhom gabru lura Lm50.

Effettivament b'nota tat-12 ta' Lulju 2000 is-socjeta' attrici esebiet diversi dokumenti in sostenn tad-danni minnha pretizi ammontanti ghal Lm1286.45.

Il-Qorti kkonsidrat dawn il-provi li ma gew bl-ebda mod ikkontestati u jidhrilha illi permezz taghhom it-talbiet attrici gew ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti solidament responsabbli ghall-kollizzjoni tas-27 ta' Marzu 1997 imsemmija fl-att tac-citazzjoni, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici;

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u hamsa w erbghin centezimu (Lm1286.45c);

3. tikkundanna lill-konvenuti solidament bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici, in linea ta' danni, is-somma hekk likwidata u dana bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.